Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9495 — Fortenova grupa/Poslovni sistemi Mercator)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 280/08)

1. Fis-17 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Fortenova grupa d.d. (il-Kroazja, "Fortenova"), suċċessur singolari ta' Agrokor d.d.

— Poslovni sistemi Mercator d.d. (is-Slovenja, "Mercator")

Fortenova takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Mercator kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— L-attivitajiet ewlenin tan-negozju ta' Fortenova huma l-provvista bl-imnut u bl-ingrossa ta' prodotti tal-merċa u prodotti tal-konsum ta' kuljum, il-produzzjoni u l-provvista tal-ikel kif ukoll attivitajiet agrikoli upstream.

— Mercator hija l-kumpanija ewlenija tal-Grupp Mercator, li l-attività ewlenija tagħha hija l-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti tal-konsum ta' kuljum.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9495 — Fortenova grupa/Poslovni sistemi Mercator

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").